DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## GĦAŻIŻ ANGELO

*p.51 (M)*

## NANNU

**AGĦMEL LI MA ŻBALJAJTX, SINJUR.**

Alla tiegħi, naf li tinsab xi mkien hawnhekk.

Għaliex mela llejla ma nistax nisimgħek? It-tfaqqigħ tal-murtali – il-marċi tal-baned tarrxuli widnejja. Ma nistax nisimgħek. Iżda lanqas inħossok qrib illejla, Alla tiegħi.

Għamilna kollox għal ġieħek, Mulej, imma l-istorbju tagħna naffrek bogħod wisq.

Forsi mhux għalhekk biss, imma. Fuq karozza tal-linja għaddejja ċeqlem lejn il-belt hemm ħajti, Sinjur.

Sar rari għalija, Sinjur, nagħraf ħajti għaddejja. Rari ħafna.

Agħmel tal-anqas li dak li għamilt, dak li għedtilha – ma jiswiex ta' xejn. Agħmel li ma żbaljajtx, Sinjur. *(83)*

PDF p.51

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.